KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 9** **It- Tlieta 10 ta' Diċembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:08pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier (waslet fis-7pm)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Nil.

**ASSENTI:**
Andre Buhagiar- Kunsillier
Keith Cassar – Viċi Sindku

**PREŻENTI**:
Daniel Galea – Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

### 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ma kien hemm ebda ittra t'apoloġija mibgħuta mill-Kunsilliera assenti.

**6:10pm: Kien hemm qbil unanimu illi ssir sospensjoni tal-laqgħa sabiex ikun diskuss punt 9.5.1 mal-Accountant tal- Kunsill. L-Ordni tal-laqgħa inbidlet kif ġej.**

**9.5 Rapporti**

**9.5.1 Baġit Annwali**

L-Accountant tal-Kunsill ippreżenta il-baġit propost għas- sena 2025. Dan huwa pjan proviżorju li jikkunsidra l-proġezzjonijiet finanzjarji għas-sena 2025. Dan il- baġit ħa fil-kunsiderazzjoni li ma jsirux proġetti kapitali fis-sena 2025, sakemm ma jkunux proġetti *fully funded*. Dan il-baġit ikkunsidra ukoll iż-żieda fil-pagi tal-istaff, bidliet fil-pagamenti tal-iskart fost oħrajn. Il- qofol ta' dan il- baġit kien li jsir ix- xogħol essenzjali fil-lokalita, filwaqt li ma jkunx hemm żieda fid-dejn. Il-baġit preżentat kien approvat nem. con. mill- Kunsilliera preżenti.

**6:51pm: Kien hemm qbil unanimu illi ssir sospensjoni tal-laqgħa sabiex ikun diskuss punt 9.6 - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni.**

**9.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**9.6.1 Skeda tal-Pagamenti**

L- Iskeda ta' Pagamenti numru 156, kienet preżentata lill-Kunsilliera u kienet approvata nem. con.

**9.6.2 Purchase Orders**

Il-lista ta' Purchase Orders preżentata kienet approvata nem. con.

**9.6.3 Works Orders**

Il-lista ta' Works Orders preżentata kienet approvata nem. con.

**9.6.4 Petty Cash**

Il-formola tal- Petty Cash ta' Novembru preżentata kienet approvata nem. con.

**7:00pm – Il- Kunsilliera Bonnici daħħlet għal- laqgħa.**

**9.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 8**

**9.2.1 Korrezzjonijiet ta' Minuti numru 8**

***5.3.9 Konsultazzjoni pubblika tal- għeluq u ftuħ tal-Pjazza***

*Is-Sindku semma illi l-laqgħa pubblika ma tal-ħwienet ser issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru fis-19:30 minflok fid-29 ta' Novembru 2024, għal meta kienet oriġinarjament skedata.*

*Il-Kunsillier Grech semma illi l-landscaping tal-pjazza m' hijiex inkluża fil-pjan ta' ħidma tal-ġardinar. Il- Kunsillier Grech talab li jrid ikun jaf kemm ser jiswa il-ħidma ta' xogħol tal- ġardinar. Żvolġiet diskussjoni taħraq bejn il-kunsilliera peress li is-Sindku ma jixtieqx li l-Pjazza tibqa tingħata lill-entitajiet tal-Gvern, bħal ma ġara fil-każ tal-għeluq tal-Pjazza. Il- Kunsiller Grech qal illi dan ma jagħmilx sens meta tqis li għandna d-dejn, u qiegħed joffri li jġib dan is-servizz b' ebda spiża lill- Kunsill.*

*Il-Kunsillier Grech qal li hemm nies li m'humiex jitqabbdu xogħol. Is-Sindku għamel kjarifika illi ħadd ma tkeċċa, u l-Kunsill qabbad xogħol lill- kulħadd.*

*Is-Sindku stqarr illi ser isir laqgħa mal-ġardinar tal- Kunsill sabiex ikompli isir ix- xogħol ta' tisbiħ fil-Pjazza.*

*Il-Kunsillier Grech stqarr li jekk il-ġardinar tal- Kunsill m'huwiex ser iżomm il-Pjazza fi stat tajjeb, il-Kunsillier Grech ser jibgħat talba formalment lill- Gvern biex jieħu ix- xogħol il-Gvern ċentrali, u jiġi f'idejn Ambjent Malta.*

Il- Minuti numru 8 ġew approvati nem. con. bil- korrezzjoni hekk kif imniżżel f' punt 5.3.9.

**9.2.2 Aġġornamenti minn minuti numru 8**

5.4.1 ***Rights Project*** **(Kunsilliera Bayliss)**

Il-Kunsilliera Bayliss tat aġġornament tar-*Rights Project* fejn s'issa kien hemm żewġ laqgħat tal-Kunsill tat-tfal. Is- Sindku semma li ser issir laqgħa mat-tfal qabel il- laqgħa ta' Jannar u l-Kunsilliera hu ser ikunu mitluba sabiex jattendi kull min ikun jista u jiltaqgħu mal-Kunsill tat-tfal.

**2.3.6 Project Green**

Is- Sindku semma li *Project Green* laqgħu t- talba sabiex jiġu inkorporati *toilets* pubbliċi fi Ġnien Reggie Cilia, kif ukoll ingħata l-permess mingħand il- Planning Authority għal din it- talba.

Is-Sindku semma ukoll li kien hemm laqgħa bejn *Project Green*, il-Perit Zammit minn Studjurban, il-Kunsillier Grech u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv mad-disinjatur Frank Franjou sabiex jiddiskutu d-disinn ta' dan il- proġett peress li kien fassal id-disinji tad-dawl tal-Bażilika. Frank Franjou irid jibgħat stima tax- xogħol professjonali tiegħu sabiex tinħareg Works Order, kif ukoll lill- Galea Curmi, l- inġiniera tal- Kunsill, u lis- surveyor sabiex jindika l- erba positijiet

fejn jinżel l-ilma mill- Bażilika, dawn ix- xogħolijiet huma neċessarji sabiex il- Perit f' isem il-Kunsill ikun jista jagħlaq it- tender sabiex Project Green jippublikaw is- sejħa.

**5.3.4 Skeda ta' Żoni problematiċi ta' ħamiem**

Is-Sindku semma li r-Reġjun Tramuntana ser itina 11-il trabokk u ser jieħdu ħsiebhom min-naħa tar-Reġjun sabiex tkun indirizzata l-problema tal-ħamiem. Ser jitwaħħlu diversi tabelli fejn ser ikun indikat li l-ħamiem m' għandhomx jingħataw għalf.

**5.3.9 Konsultazzjoni pubblika tal- għeluq u ftuħ tal- Pjazza**

Is-Sindku semma li saru laqgħat ta' konsultazzjoni mar-residenti Mostin fejn dawn il- laqgħat saru mqassma skond iż- żona. Il- Minority Leader Decelis stqarr li għandu bżonn ikun hemm statistika ta' kemm kien hemm attendenza miż-żoni bħala persentaġġ tal-popolazzjoni Mostija sabiex din ir- riċerka tkun indirizzata u preżentata mil- lenti korretta.

**8.3.2 Talba għar- restawr tal- Mitħna ta' Ċikku Fenech**

Is- Sindku qal li ser issir laqgħa mar-Ramblers Association fejn ser ikun diskuss għandiex tiġi rrestawrata l-Mitħna ta' Ċikku Fenech fit- tieni Ġimgħa ta' Jannar 2025.

**8.3.5 Espressjoni t'interess tal- Karnival 2025 - SPI/SCI/8/2024**

Il-Kunsilliera Bayliss semmiet li il-pjan għall-Karnival fil-Mosta jinkludi *Bouncy Castle, photobooth, stands* u divertiment u dan ser isir fl-1 ta' Marzu 2025. Il- Kunsill applika mad-DGL sabiex jingħata fondi għal din l-iskema. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr li ser jinforma lill-Kunsilliera b' aġġornamenti fuq din l-iskema la jasal komunikat mid-DGL.

**9.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**9.3.1 Kommunikazzjoni**

**9.3.1.1 Talba ghat- tieġ**

Is-Sindku semma li ser jinħoloq *Commercialisation Committee* fejn dan ser jiġi diskuss sabiex tinħoloq bye-law u jkunu jistgħu isiru tiġijiet, fost attivitajiet oħrajn. Dan is-sottokumitat ser ikun kompost mis-Sindku u mill-Kunsilliera Grech, Bonnici, Demartino u Zerafa. Is- Sindku talabhom sabiex jiltaqgħu wara l- festi.

**9.3.1.2 Ġemellaġġ ma' Varna fil- Bulgaria**

Is-Sindku qara korrespondenza mal-Konslu Onorarju Kenneth Vella fejn bdew diskors fuq ġemellaġġ potenzjali ma' Varna fil- Bulgaria. Il-Kunsilliera qablu li s- Sindku jipproċedi fid-diskors mal- Konslu Onorarju.

**9.3.1.3 Talba għal- Monument**

Is- Sindku qara korrespondenza fejn saret talba għal- monument mingħand artist fejn offra li jagħmel monument f'isem il-Volontarji Maltin. Il-Kunsilliera qablu li jrid ikun hemm proċedura fejn issir sejħa t'interess għal-monumenti fil- futur, u meta jkun hemm ix- xewqa. Kien immarkat ukoll li l- Kunsill m' għandux jaċċetta monumenti għall-arrieda, mingħajr pjan olistiku. Għaldaqstant, il- Kunsilliera qablu li din t- talba għal-monument tiġi rrifjutata.

**9.3.1.4 PA1661/24**

Is-Sindku staqsa lill- Kunsilliera jekk għandhiex tiddaħħal oġġezzjoni fuq PA1661/24 bit-titolu "Proposed demolition of 5 terraced houses. Proposed excavation of basement and construction of 14 garages, 1 Class 4A office and 24 residential units." fi Triq it-Trinkatur. Il-Kunsilliera qablu li l- Kunsill għandu jiddiskuti din l- applikazzjoni mal- Perit tal- Kunsill biex jkun stabbilit jekk din l-applikazzjoni hijiex konformi mad- disinn tal- lokal, u għaldaqstant tiddaħħal rappreżentazzjoni għal dan l-iżvilupp.

**9.3.1.5 SPI/SCI/04/2024 ‑ Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

Is-Sindku semma li l- Aġent Segretarju Eżekuttiv irċieva komunikazzjoni mingħand id-DGL fejn inqtal li l-applikazzjoni tal- Kunsill ġiet rrifjutata, u għaldaqstant l-applikazzjoni ser tiġi mwaqqa skond artiklu numru 5.14 taċ- ċirkulari. Il- Kunsillier Grech ser jistaqsi lid- DGL jekk hijiex possibbli ssir re-evalwazzjoni ta' din id-deċizjoni. Dak il- ħin tal- laqgħa, il- Kunsillier Grech bgħat email lis- Sur Neville Galea tad- DLG b' dan il- għan.

**9.3.1.6 Każ tal- Ombudsman**

Is-Sindku semma li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irċieva komunikazzjoni mingħand l-Ombudsman fejn inbagħatet ittra lill- Onorevoli Prim Ministru rigward it- tweġiba tal- Kunsill għal- proposta ta' Traffic Management f' Santa Margerita. Il-Kunsill stqarr li m'għandux biżżejjed fondi sabiex jimplimenta il-pjan sħiħ, u minflok ppropona li jiġu installati tabelli adegwati u road humps. L-Ombudsman ma laqgħax din it- tweġiba u għaldaqstant bgħat lill-Onorevoli Prim Ministru. It-Traffic Management Committee (TMC) għandu jerġa jiltaqa biex jiddiskuti l-mod il-quddiem.

**9.3.2 Korrispondenza**

9.3.2.1 Ittra impjegata tal-Kunsill – *notch progression*

L- Aġent Segretajru Eżekuttiv qara l-ittra mingħand impjegata tal-Kunsill Maxine Ebejer fejn talbet biex titla min notch 3 għal notch 4. Din il-progressjoni kienet approvata nem. con.

**9.3.2.2 Leave tal- istaff sabiex jiġi utilizzat fl- 2025**

L-Aġent Segretajru Eżekuttiv qara is-siegħat ta' vacation Leave li ma kienux utilizzati mill-istaff tal-Kunsill, li kienu entitolati għalih sabiex ikun użat fl- 2024. Kien hemm approvazzjoni nem. con. sabiex is-siegħat li ma kienux utilizzati fl- 2025, ikunu utilizzati fl-ewwel kwart ta' 2025 hekk kif tistħoq il- liġi.

**9.3.2.3 Santa Margerita**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara ittra mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Santa Margerita Mosta fejn saret talba għal-mobile toilets. Is- Sindku semma li nistgħu nipprovdu toilet wieħed, l-Assoċjazzjoni Santa Margerita Mosta tieħu ħsieb it- tindif.

**9.3.2.4 Evolve 5K Marathon**

L-Aġent Segretajru Eżekuttiv qara ittra mingħand l- organizzaturi ta' l- Evolve 5K marathon fejn saret talba għal- permess sabiex ikun hemm public toilet fil-parking tal-Pjazza, stand bil- mużika, kif ukoll li ssir l- attivita. Kien hemm qbil li jingħataw permess sabiex dan isir, kif ukoll l-Kunsill jixtri l-First Mosta Male u First Mosta Female trophies; dawn ser ikunu ppreżentati mis-Sindku u l- Kunsillier Buhagiar li hu inkarigat mill- isport.

**9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

9.4.1 Il-Minority leader Decelis semma li l- Kompetizzjoni Kartolini u Presepji kienet suċċess, fejn ipparteċipaw 63 tifel u tifla. Il-*handyman* ser jarma mejda quddiem is-sala sabiex dawn il- kartolini u presepji ikunu f' forma ta' wirja.

9.4.2 Il-Minority leader Decelis semma li jrid ikun hemm sistema ta' Catering tal-events, fejn jinġabru kwotazzjonijiet mingħand diversi iktar stabbilimenti għal-attivitajiet tal-Kunsill li jirrikjedu catering.

9.4.3 Il-Minority leader Decelis staqsa jekk il- Kunsilliera jaqblu mal- idea ta' business cards tal- Kunsill lill- Kunsilliera. Il- Kunsilliera qablu u pproponew li kull kunsillier jingħata 100 business card. Il- Kunsilliera Bayliss ser tieħu ħsieb li dan isir, fejn il- business cards ikunu uniformi fid- disinn, bid- dettalji tal- kunsillier partikolari.

9.4.4 Il- Kunsillier Zerafa stqarr li ssemmiet possibilita ta' tip ta relazzjoni bikrija mal- Bosnia and Herzegovina li kienet proposta mir- Reġjun. Talab il-permess mingħand il- Kunsill jekk jistax jipproċedi sabiex jara tkunx possibbli li tinħoloq xi forma ta' relazzjoni. Il- Kunsill approva nem. con.

9.4.5 Il- Kunsillier Grech stqarr li cirfa addizzjonali tax- xogħol tal- pjazza tal- ġardinar għada ma waslitx lil- Kunsill. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv semma li dan huwa vera, u dan il- prezz

għadu ma wasalx. Is- Sindku semma ukoll li qiegħed jistaqsi lill- ġardinar sabiex jagħtina din il-figura. Il-Kunsillier Grech stqarr li huwa kruċjali li nkunu nafu din il-figura speċjalment wara kemm il-Kunsill ilu jistaqsi.

9.4.6 Il- Kunsilliera Bonnici pproponiet li l- Pjazzetta Triq it- Torri li tagħmel ma Sqaq Kurat Calleja tiġi msemmija, Pjazzetta Ganni Bonnici, u l-isem tat- triq ma tinbidilx. Kien hemm qbil nem. con. u il- Kunsill jordna tabella biex tiġi installata f' din il- Pjazzetta la jitlesta x-xogħol.

9.4.7 Is- Sindku semma li x- xogħol ser jibda f' Jannar fi Sqaq Kurat Calleja u Pjazza Torri l-Public Works. Il- Kunsillier Grech ser japplika għal- DNO min naħa taghna mal- Planning. Il-Kunsilliera approvaw li l- Kunsillier Grech japplika għad-DNO f' isem il-Kunsill bla spejjeż għal- Kunsill, apparti il-kont tal- applikazzjoni tal- Planning.

9.4.8 Il- Kunsillier Mallia semma li ser jiġu organiżżati xi laqgħat fuq is-saħħa mentali lill-Kunsilliera u staff f'Jannar 2025. Din il-laqgħa ser ikun filghaxija u nistgħu nistiednu l-għaqdiet socjali, fost leaders soċjali oħrajn; id- dati ser ikunu imħabbra la jkunu stabbilti d-dati.

9.4.9 Il-Kunsillier Mallia qal li flimkien mal- Kunsilliera Bayliss u l-Kunsillier Schembri qiegħdin jaħdmu sabiex il- Kunsill tat- tfal jgħamlu kartolini tal- Milied għall grupp Tislima biex iqassamhom lin- nies f' solitudni, u lill- anzjani kollha resident fid- djar tal- anzjani fil-Mosta.

9.4.10 Il- Kunsillier Mallia stqarr li għandu jkun hemm linji gwidi stabbiliti fir- rigward tal-positzzjoni tal- Kunsill għal- applikazzjonijiet li jsiru mal- Awtorita tal- Ippjanar. Dan sabiex tiżdied l-oġġettivita fil- process tar- rapreżentazzjonijiet.

9.4.11 Il- Kunsillier Schembri qal li qed jorganiżża il- party tal-anzjani li ser iseħħ fid-19 ta' Diċembru fis-Sala tal-Kunsill fl-10am fejn ser ikun hemm divertiment, ikel u xorb.

9.4.12 Il-Kunsillier De Martino stqarr li hemm bżonn li jissemmew it- toroq ġodda li nfetħu fiż-żona ta' Mellu, fost oħrajn. Hemm bżonn jinġabru l-idejat mill- Kunsilliera sabiex tkun stabbilita l-lista t' ismijiet possibbli, u la din tkun deċiża, jiltaqgħa t-Traffic Management Committee sabiex issir l-evalwazzjoni.

9.4.13 Il- Kunsillier De Martino Thomas jixtieq li jinħoloq Tourism Committee kompost mis-Sindku, il-Kunsillier De Martino, Giovanni Chetcuti, Edwin Debono, Francesca Vincenti, il-Professur George Cassar u Salvina Muscat.

9.4.14 Il-Minority leader Decelis stqarr li jixtieq ikun hemm sistema awtomizzata tal-ilmenti li jirċievu l- istaff tal- Kunsill. Dan sabiex ikun hemm tracking tajjeb tal- istatus ta' kull

ilment, u l- kunsilliera ikunu jistgħu jaraw ilment ilment sabiex ikunu jafu f'hiex waslu sabiex tiġi solvuta. Il- Kunsilliera Bonnici stqarret li dan is- suġġeriment ilu jissemma pero dejjem jingħad mid- Dipartiment jew mir- Reġjun li ser tkun ħela ta' flus peress li ser toħroġ seistema ċentraliżżata. Il- Kunsillier Grech semma li kien hemm xi ftehim mal-RS2 biex issir Sistema ta' dan it- tip. Ser isir follow up fuq din is- sistema wara l-laqgħa.

9.4.15 Il- Minority leader Decelis stqarr li jixtieq li kull kunsillier u membru tal- istaff għandu jkollu aċċess għas-sala tal-Kunsill bla ħlas sa massimu ta' tlett darbiet fis-sena. Overtime u tindif għal staff li jkunu meħtieġa ikunu jridu jiġu mħallsa mill-individwu. Attivitajiet politiċi huma esklużi minn din il-prerogattiva kif ukoll ma tkunx estiża għal-membri tal-familja. Ġie mfakkar ukoll illi ma jistax jiddaħħal ikel fis- sala. Kien hemm qbil nem. con.

**9.5 Rapporti**

**9.5.1 Update Milied**

Is-Sindku spjega l-aġġornamenti u preparazzjonijiet li l-Kunsill qiegħed jipprepara għall-żmien il-Milied. Stqarr illi kollox miexi sew, it-tiżjin intrama, id-dawl inxtegħel fit-8 ta' Diċembru. Il-festini tal-anzjani u tat-tfal huma organizzati tajjeb mill-kunsilliera responsabbli u jinstab herqan sabiex jseħħu.

**9.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid- 9:01pm u ġiet aġġornata għal-21 ta' Jannar 2025 fis-6:00pm.

**IFFIRMATI**
**Joseph Gatt**
**Sindku**

**IFFIRMATI**
**Jeremy Bartolo**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**